MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Numru. 862/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**KONTRA**

**ANTHONY PAVIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Anthony Pavia ta' 62 sena, bin Joseph u Emily nee' Zammit, mwieled Hamrun fid- 19 ta' April 1949, residenti Zebbuga, Triq Jean Houel, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 367949M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Bejn Gunju 2009 u Frar 2010, f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi, jew ta hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn €2,329.37 u cioe’ circa €8,500 ghad- detriment ta’ Malta Resources Authority;

2) Aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsur uzu minnha specifikat u cioe’ s-soma ta’ aktar minn €8,500 ghad- detriment ta’ Malta Resources Authority;

3) Aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall- beneficcju ta’ xi persuna jew entita’ ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal- Gvern jew tal- privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l- kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom;

4) Aktar talli fl- istess zmien, lok ucirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u publiku, jew fi skrittura kummercjali jew ta bank prviat b’ falsifikazzjoni jew tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi;

5) Talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-istess ammissjoni bikrija din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-kawza setghet tissokta bi procedura sommarja;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

Rat illi fis-seduta ta' llum stess, l-imputat hallas is-somma ta' tmint elef u hames mitt Ewro (€8,500) lir-Rappresentant tal-*Malta Resources Authority*, biex b'hekk hallas l-ammont kollu dovut minnu fuq din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien impjegat ghal xi zmien mal-istess Awtorita' bhala "Head of Accounts and Administration" sa Marzu 2010. Sakemm kien f'din il-kariga, hu kien lahaq dawwar bi profitt ghalih diversi ammonti ta' flus li kellhom suppost jithallsu lil aktar minn mitt persuna fl-iskema ta' "rebate" taht "energy efficient scheme" li kienet harget dak iz-zmien. Dawn il-persuni kienu intitolati ghal hlas skond l-iskema kif kienet, liema hlas kien isir permezz ta' "cheque" mahrug f'isimhom. Meta l-imputat kien jara li uhud minn dawn il-persuni ma hadux il-pagament dovut lilhom, kien jiehu l-istess pagament hu, biex b'kollox ghamel qligh

illecitu tal-ammont indikat. Il-fatti fid-dettall huma kollha kontenuti fl-istqarrija tal-imputat, esebita fl-atti tal-kaz.

Ghalhekk, bl-ammissjoni tieghu, il-Qorti tista' tghaddi biex tikkonsidra l-piena idoneja. Jinda biex jinghad li huwa ghal kollox inaccettabbli u intollerabbli li persuna fdata bi grad ta' fiducja pubblika jabbuza mill-istess fiducja ghall-gwadann personali tieghu. Huwa hafna aktar gravi meta tali abbuz isir billi jigi misapproprjat ammont ta' flus dovut lill-pubbliku. Tali reati ghandhom ikunu dejjem punibbli bi prigunerija effettiva u immedjata, minghajr riserva u bla tlaqliq ta' xejn. Ma hemm l-ebda skuza taht il-kappa tax-xemx li ghandha jew li tista' tiggustifika dan l-agir. Madankollu, il-ligi taghti lill-Qorti d-diskrezzjoni li tali sentenza ta' prigunerija ma tidholx fis-sehh immedjatament, izda tibqa' sospiza waqt perijodu operattiv u perentorju. Fil-kaz in esami, l-uniku fattur li jimmitiga favur l-implementazzjoni ta' sentenza sospiza huwa l-hlas tal-ammont kollu dovut mill-imputat. Il-Qorti tara li b'dan il-gest, l-imputat m'hux biss lest li jerfa' r-responsabbilta' ta' ghemilu, izda huwa lest jaghmel ir-risarciment bis-shih tal-hsara illi huwa effettivament ghamel. Il-Gustizzja in linea generali thares mhux biss lejn l-aspett punittiv u retributtiv tal-piena, izda anke – u b'mod specjali – lejn l-aspett riparattiv ta' riabilitazzjoni. Dan, u dan biss, jimmitiga favur l-ghoti ta' sentenza sospiza f'dan il-kaz. It-telf tal-fiducja pubblika u l-abbuz minn ufficjal pubbliku ghandu dejjem ikun punit b'mod sever. Ghalhekk, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija, il-Qorti sejra taghti l-piena massima ta' sentenza sospiza, biex isservi ta' deterrent ghall-imputat u fl-istess hin isservi ukoll ta' taghlima ghalih.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294, 127, 183, 184 532°, 532B u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin ai termini tal- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti tordna inoltre l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------